



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 10 ta' Frar 2012 (14.02)
(OR. en)**

6279/12

**RECH 35
COMPET 75**

NOTA

Minn:	Presidenza
Lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tħejjija għall-Kunsill ("Kompetittività") tal-20 u l-21 ta' Frar 2012</i> Strateġija Ewropa 2020 - Segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Frar 2011 - Rapport ta' progress

Ir-rapport ta' progress meħmuż, imfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza, jiddeskrivi l-passi u l-inizjattivi ewlenin meħuda u previsti bi tweġiba għall-orjentazzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fi Frar li għadda (EUCO 2/11) fil-qasam tal-innovazzjoni.

Il-Coreper/Kunsill huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport.

INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu minn Frar 2011, iffoka fuq żewġ setturi – l-enerġija u l-innovazzjoni – li huma l-qofol għat-tkabbir u l-prosperità futuri tal-Ewropa. Dawn il-konklużjonijiet, kif ukoll l-Istrateġija Ewropa 2020, juru li l-aġenda ta' innovazzjoni fl-UE hija aġenda wiesgħa u orizzontali, li tinkludi l-kundizzjonijiet qafas fi ħdan is-Suq Uniku u b'mod partikolari l-ikkompletar tas-suq uniku diġitali.

Il-Presidenza Daniża ser taħdem ħa fna fuq fajls li huma rilevanti għall-innovazzjoni biex tappoġġa, f'dan il-qasam multidimensjonali, is-sejħa tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE mit-30 ta' Jannar 2012 biex l-ekonomiji tagħna jiġu mmodernizzati u l-kompetittività tissaħħaħ, sabiex jitwassal kontribut b'saħħtu fil-Kunsill Ewropew f'Marzu 2012.

Dan ir-rapport huwa intiż biex jiddeskrivi l-progress imwettaq u previst fl-oqsma tal-politika tal-innovazzjoni u r-riċerka bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2011. Dawn il-konklużjonijiet huma marbutin mal-impenji stipulati fl-Inizjattivi ewlenin 'Unjoni tal-Innovazzjoni' u 'Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni'. Dan ir-rapport jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-politika ta' innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-approċċ ta' sħubija, il-finanzjament u l-monitoraġġ.

Monitoraġġ

Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tiżviluppa indikatur integrat uniku li ser ikun punt ta' riferiment għal diversi setturi fil-kapaċità tagħhom li jipproduċu tkabbir u impjiegi permezz tal-ħolqien ta' kumpaniji b'livell għoli ta' tkabbir, u billi jkejjel is-sehem ta' kumpaniji innovattivi fl-ekonomija li qed jikbru b'mod rapidu. Bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020, dan l-indikatur, biż-żmien, ser isir indikatur ewleni għid użat bħala punt ta' riferiment għall-prestazzjoni tal-UE meta mqabbla mas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha. Meta wieħed iquis l-isfidi attwali tal-Ewropa, dan l-indikatur huwa għodda saħansitra aktar importanti biex jiġi appoġġat it-tfassil infurmat tal-politika. Il-Kummissjoni tipprevedi li ser tagħti l-indikatur tar-riżultati fl-aħħar kwart tal-2012 li ser jippermetti li dan jiġi rifless fis-Semestru Ewropew tal-2013.

Sħubija

F'Ottubru 2011, bil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-"Unjoni tal-Innovazzjoni", il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għall-importanza tas-sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) Ewropej bħala mezz biex "jingħaqdu l-isforzi biex jiġu rreġistrati s-suċċessi". Is-sħubija tiġbor flimkien atturi pubbliċi fil-livell Ewropew u nazzjonali fi Sħubiji bejn Entitajiet Pubbliċi (P2Ps) u atturi pubbliċi u privati fi Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPPs).

L-eżerċizzju ta' **Programmar Konġunt** inniedi mill-Kunsill fl-2008, huwa sforz promettenti ferm biex tiġi eliminata duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi R&D tal-Istati Membri bi tweġiba għall-isfidi kbar li l-Ewropa qed tħabbat wiċċha magħhom. It-tieni mewġa ta' JPIs (Inizjattivi ta' Programmar Konġunt) tnedew waqt l-2011 - b'hekk l-10 JPIs proposti issa kollha tnedew.

Is-**Sħubijiet Ewropej għal Innovazzjoni**, kif ippreżentati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni, qed jindirizzaw il-problemi ta' nuqqas ta' investment, kundizzjonijiet qafas u swieq li mhumieq favorevoli biżżejjed għall-innovazzjoni, kif ukoll il-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni, biex titħaffef l-azzjoni li tirrigwarda d-domanda u l-provvista biex jinġiebu soluzzjonijiet innovattivi fis-suq għal sfidi speċifiċi tas-soċjetà. Is-Sħubija Ewropea għal Innovazzjoni (EIP) pilota dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu għamlet progress tajjeb u l-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tagħha ġie ppreżentat mill-Grupp ta' Tmexxija tagħha fi tmiem l-2011. Huwa mistenni li l-konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' din l-EIP jinsiltu fl-ewwel nofs tal-2012, abbażi tat-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Pjan.

Finanzjament

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Frar 2011, il-Kunsill Ewropew appella għall-istabbiliment ta' **inventarju ta' R&Ż iffinanzjati mill-UE**. L-aċċess għal tali informazzjoni jista' jkun ta' benefiċċju sostanzjali għal kumpaniji innovattivi, b'mod partikolari l-SMEs. Tali inventarju jkun saħansitra ta' valur akbar jekk ikun jista' jintegra (jew ikun magħqud ma') inventarji ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni dalwaqt ser tippreżenta l-proposta tagħha dwar inventarju li ser jissodisfa din it-talba. Huwa meħtieġ appoġġ attiv mill-Istati Membri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-inventarji nazzjonali.

Wara l-pubblikazzjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-**qafas ta' Għajnuna mill-Istat** għar-R&Ż&I fl-10 ta' Awwissu 2011 il-Kummissjoni fèthet konsultazzjoni pubblika fl-20 ta' Diċembru 2011. Din il-konsultazzjoni ser tgħin biex jiġu ddeterminati x-xorta u l-ambitu tat-titjib possibbli għall-qafas qabel il-proposti legiſlattivi ppjanati għall-2013.

F'Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat ukoll proposta biex tistimula l-finanzjament għall-**intraprenditorija soċjali** u proposta biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-**kapital ta' riskju** madwar l-Ewropa permezz ta' passaport tal-UE li ser jippermetti li fondi ta' kapital ta' riskju jgħollu l-kapital fis-27 Stat Membru kollha abbażi ta' reġistrazzjoni unika. Wara l-orjentazzjonijiet li għandhom jingħataw mill-Kunsill Kompetittività fl-20 ta' Jannar 2011, ser tiġi intensifikata l-ħidma sabiex tintlaħaq l-iskadenza ta' Ġunju 2012, stabbilita mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fit-30 ta' Jannar 2012. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF), wieħed mis-suċċessi tal-politika ta' innovazzjoni tal-UE, qed jiġu estiżi taħt il-programm qafas 2011-2013.

Il-proposta legiſlattiva għall-programm qafas ġdid tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont 2020, ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2011. Hu jfittex li jipprovdi miżuri u strumenti biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom fi ħdan **qafas strateġiku komuni** uniku. Filwaqt li jkopri ċ-ċiklu sħiħ ta' innovazzjoni b'finanzjament miżjud, hu jfittex li jissimplifika drastikament ir-regoli li jirregolaw il-finanzjament tal-UE u jkun ċentrali għat-trawwim ta' bażi eċċellenti ta' riċerka. Filwaqt li tagħraf l-importanza tal-programm Orizzont 2020, il-Presidenza Daniża stabbilixxiet l-għan li tilħaq approċċ ġenerali parzjali dwar Orizzont 2020.

Ser jiġi żgurat aktar appoġġ għall-aġenda ta' innovazzjoni mill-konċentrazzjoni tal-fondi strutturali fuq it-tisħiħ tal-kapaċità reġjonali R&I. Ir-reviżjoni prevista tar-regolament finanzjarju għandha titlesta malajr minħabba li din ser iżżid b'mod sinifikattiv għas-simplifikazzjoni. L-eżami ta' dawn il-proposti dwar il-finanzjament tal-innovazzjoni għandu jipproċedi bil-ħsieb li l-appoġġ tal-UE jkun disponibbli għall-"iskala ta' finanzjament" kollha.

Miżuri oħrajn

Il-Kunsill Ewropew appella għat-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) sal-2014. Il-Kummissjoni mistennija tagħmel il-proposta tagħha għal Qafas taż-ŻER qabel tmiem il-Presidenza Daniża u l-ħidma fuq dawn ser tissokta bħala kwistjoni ta' prijetà.

Approċċ modern għall-**istandardizzazzjoni** għandu jgħin biex l-innovaturi Ewropej jilhqg swieq akbar. Fl-1 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat proposti biex tħaffef, tissimplifika u timmodernizza l-proċeduri ta' standardizzazzjoni. F'Settembru 2011, sar skambju ministerjali ta' fehmiet fil-Kunsill COMPET. L-appoġġ wiesa' għall-proposta tal-Kummissjoni għandu jippermetti li l-ħidma tiġi konkluża sa Ġunju 2012, kif appellaw il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fit-30 ta' Jannar 2012.

Fl-20 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni adottat il-proposti tagħha dwar l-**akkwist pubbliku**. Dawn il-proposti huma parti minn programm ġenerali li għandu l-għan li jkun hemm modernizzazzjoni profonda tal-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea u jieħdu kont speċifiku tal-ħtieġa għall-innovazzjoni. Fit-30 ta' Jannar 2012, il-Kunsill Ewropew appella għal qbil dwar dawn il-proposti sa tmiem is-sena.

Fil-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012, l-Istati Membri li qed jieħdu sehem impenjaw ruħhom ukoll li jilhqg qbil finali dwar l-aħħar kwistjoni pendenti fil-**pakkett dwar il-privattivi** sa mhux aktar tard minn Ġunju 2012.

Sabiex jitħeġġu l-investment u s-servizzi privati billi jittejbu l-kundizzjonijiet qafas, fil-bidu tal-2011 il-Kummissjoni ħatret Grupp ta' Esperti biex jappoġġaha fil-ġbir ta' provi u fil-provvista ta' valutazzjoni teknika dwar inizjattivi eżistenti u emerġenti għall-valorizzazzjoni tad-**drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR)**. L-attivitajiet ta' dan il-grupp ser jagħtu ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni u jgħinu lill-Kummissjoni tqis alternattivi potenzjali għall-istabbiliment ta' tali strument ta' valorizzazzjoni tal-IPR, eż. pjattaforma għas-suq tal-għarfien innovattiv Ewropew dwar l-IPR biex jiġu ffaċilitati t-trasferiment u l-kummerċ.

Dwar is-**Suq Diġitali Intern**, fil-11 ta' Jannar 2011 il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni bi pjan ta' azzjoni komprensiv u koerenti biex jitrawmu servizzi ta' kummerċ elettroniku u fuq l-Internet fl-UE. Hija ser tippreżenta t-tabella ta' valutazzjoni dwar l-Aġenda Diġitali f'Mejju u l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni dwar l-Aġenda Diġitali huwa mistenni f'nofs Ottubru. Fit-30 ta' Jannar 2012 il-Kunsill Ewropew appella għal implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, appella għall-preżentazzjoni ta' proposta ġdida dwar il-firma elettronika qabel Ġunju 2012 u għal qbil dwar ir-roaming sa Ġunju 2012.
